MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 119/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Infratec Pro Limited u**
**Karlheinz Hugo Knapp**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici tad-9 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt tat-12 ta' Ottubru 2009, in atti Nutar Dottor Carmel Mangion (Dok. A) is-socjeta' attrici kkoncediet facilita bankarja lis-socjeta' Infratec Pro Limited;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Infratec Pro Limited fis-somma ta' mitejn u erba' u hamsin elf, erba' mija u tnejn u sittin ewro u sebghin centezmu (€254,462.70) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* tas-socjeta' Infratec Pro Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

(Dok. B1 sa B2) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati 9 ta' Jannar 2009 (Dok. C) u 5 ta' Ottubru 2009 (Dok. D), il-konvenut Karlheinz Hugo Knapp iggarantixxa flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta' Infratec Pro Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' Infratec Pro Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmi (u hawn ezebiti bhala Dokumenti A, C u D), partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Infratec Pro Limited u Karlheinz Hugo Knapp,
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi,
(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew,
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Infratec Pro Limited u Karlheinz Hugo Knapp li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici;

5. Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil- kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmi (u hawn ezebit bhala Dokumenti A, B u D) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Infratec Pro Limited u Karlheinz Hugo Knapp (a) naqsu milli jhallsu l-

pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Infratec Pro Limited u Karlheinz Hugo Knapp li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici; u

2. Tikkundanna lil konvenuti Infratec Pro Limited u Karlheinz Hugo Knapp ihallsu lis-socjeta' attrici flimkien u "*in solidum*" bejniethom is-somma ta' mitejn u erba' u hamsin elf, erba' mija u tnejn u sittin ewro u sebghin centezmu (€254,462.70) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account"* tas-socjeta' Infratec Pro Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. B1 sa B2) flimkien mal-imghax ulterjuri mid-9 ta' Frar 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid numru 97/2011 ipprezentat fil-21 ta' Jannar 2011 kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Rose Cortis, rapprezentanta tal-bank attur li kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont mitlub fir-rikors guramentat ghadu kollu dovut sallum;

Il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti in solidum jhallsu lil-bank attur l-ammont ta' mitejn u erba' u hamsin elf, erba' mija u tnejn u sittin ewro u sebghin centezmu (€254,462.70), bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------